Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2024/2181

6.9.2024

**DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ (PESK) 2024/2181**

**tas-27 ta' Awwissu 2024**

**dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Forza tal-Missjoni tal-UE għall-Missjoni ta' Assistenza Militari tal-Unjoni Ewropea fil-Mozambique (EUMAM Mozambique), u li tħassar id-Deċiżjoni (PESK) 2023/1790 (EUMAM Mozambique/1/2024)**

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 38 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2021/1143 tat-12 ta' Lulju 2021 [1] dwar Missjoni ta' Taħriġ Militari tal-Unjoni Ewropea fil-Mozambique (EUTM Mozambique), u b'mod partikolari l-Artikolu 5(1) tagħha,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 5(1) tad-Deċiżjoni (PESK) 2021/1143, il-Kunsill awtorizza lill-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) jieħu d-deċiżjonijiet dwar il-kontroll politiku u d-direzzjoni strateġika ta' EUTM Mozambique, inkluż id-deċiżjonijiet rilevanti dwar il-ħatra ta' Kmandanti tal-Forza tal-Missjoni tal-UE.

(2) Permezz tad-Deċiżjoni (PESK) 2023/1790 [2], il-KPS ħatar lill-Brigadier Ġeneral João Carlos de BASTOS JORGE GONÇALVES bħala Kmandant tal-Forza tal-Missjoni tal-UE għall-EUTM Mozambique.

(3) Fl-14 ta' Mejju 2024, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2024/1354 [3], li temenda l-mandat tal-EUTM Mozambique u tipprevedi li l-Missjoni tissejjaħ il-Missjoni ta' Assistenza Militari tal-Unjoni Ewropea fil-Mozambique (EUMAM Mozambique) mill-1 ta' Settembru 2024.

(4) Fl-1 ta' Awwissu 2024, l-awtoritajiet Portugiżi pproponew lill-Brigadier Ġeneral Luís Fernando MACHADO BARROSO biex jieħu post il-Brigadier Ġeneral João Carlos de BASTOS JORGE GONÇALVES bħala Kmandant tal-Forza tal-Missjoni tal-UE għal EUMAM Mozambique.

(5) Fit-2 ta' Awwissu 2024, il-Kmandant tal-Missjoni tal-UE rrakkomanda li l-Brigadier Ġeneral Luís Fernando MACHADO BARROSO jinħatar bħala Kmandant tal-Forza tal-Missjoni tal-UE għall-Mozambique mill-11 ta' Settembru 2024.

(6) Fil-5 ta' Awwissu 2024, il-Kumitat Militari tal-UE appoġġa din ir-rakkomandazzjoni.

(7) Jenħtieġ li tittieħed deċiżjoni dwar il-ħatra tal-Brigadier Ġeneral Luís Fernando MACHADO BARROSO bħala Kmandant tal-Forza tal-Missjoni tal-UE mill-11 ta' Settembru 2024 u jenħtieġ li d-Deċiżjoni (PESK) 2023/1790 titħassar,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-Brigadier Ġeneral Luís Fernando MACHADO BARROSO huwa b'dan maħtur Kmandant tal-Forza tal-Missjoni tal-UE għall-Missjoni ta' Assistenza Militari tal-Unjoni Ewropea fil-Mozambique (EUMAM Mozambique) mill-11 ta' Settembru 2024.

*Artikolu 2*

Id-Deċiżjoni (PESK) 2023/1790 hija b'dan imħassra.

---

(1) ĠU L 247, 13.7.2021, p. 93.
(2) Id-Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (PESK) 2023/1790 tal-14 ta' Settembru 2023 dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Forza tal-Missjoni tal-UE għall-Missjoni ta' Taħriġ Militari tal-Unjoni Ewropea fil-Mozambique (EUTM Mozambique), u li tħassar id-Deċiżjoni (PESK) 2022/1482, (EUTM Mozambique/2/2023), (ĠU L 230, 19.9.2023, p. 14, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2023/1790/oj).
(3) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2024/1354 tal-14 ta' Mejju 2024 li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2021/1143 dwar Missjoni ta' Taħriġ Militari tal-Unjoni Ewropea fil-Mozambique (EUTM Mozambique) (ĠU L, 2024/1354, 15.5.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2024/1354/oj).

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-11 ta' Settembru 2024.

Magħmul fi Brussell, is-27 ta' Awwissu 2024.

*Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà*

*Il-President*

D. PRONK